MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru. 491/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**

**vs**

**Carmelo Zammit**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Carmelo Zammit ta’ 40 sena iben Angleo u Rose nee’ Chalmers, imwieled nhar il-5 ta’ Lulju 1961 Pieta’ u residenti ‘ Taz-Zan’, Misrah San Guzepp, Safi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 442061 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

F’dawn il-Gzejjer, fil-10 ta’ Ottubru 1998 u fid-diversi xhur ta’ qabel, gewwa l-Belt Valletta, u bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti li saru fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda ;

1. Xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’ marka, sinjal jew emblema imxebhin b’ qerq u cioe diversi videos, u dan bi ksur ta’ Artikolu 298 (1) (f) tal-Kapitolu. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe diversi videos, bi ksur ta’ jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-Twentieth Century Fox Film Corporation, u socjetajiet ohra, li taghhom Dr. Patrick Galea LL.D huwa rapprezentant, protetti bil jew taht il-Ligi ta’ Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ Jannar 2002 (esebit *a folio* 10 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-16 ta’ Mejju 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-16 ta’ Mejju 2008 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat m'ghadux jahdem f' dan in-negozju.

Ghal dawn il-mottivi u wara li rat l-Artikoli 298 (1) (f) u 298B (1) tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------